IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 22 t' April, 2026

Rikors numru: BCT/12/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Joseph Mizzi

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' email datata 4 ta' Frar, 2026 mibghuta a nom tal-appellanti indirizzata lit-Tribunal fejn jinghad is-segwenti:

> (...) *regarding the recent notification that his Construction Contractor Licence application was not accepted.*
> *Upon reviewing the initial submission, we identified a clerical error where the architect inadvertently signed the same form twice, leaving the Contractor Declaration Form unsigned.*
> *Please find the following attached to this email:*

Corrected Contractor Declaration Form (signed by the architect).
We kindly request that you update Mr. Mizzi's file with his pending declaration and proceed with the evaluation of his application.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi apparti dak indikat fil-ligi sabiex applikant jkun jista' jitqies li huwa eligibbli wiehed ukoll jrid juri li huwa kompetenti fl-aspetti li jkun qieghed japplika ghalija.*
3. *Illi umilment qieghed jkun sottomess li l-kwistjoni hija verament semplici u cioe`li l-appellanti naqas milli jipprovdi d-dijarazzjoni necessarja lil kumitat, ezattament naqas fi zmien tal-applikazzjoni li juri zewg (2) progetti dikjarati minn Perit/i.*
4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet rispettivi.

Ra wkoll l-affidavit tal-ufficjal tal-Awtorita` u d-dokumenti anness mal-istess.

Ra li waqt is-seduta tal-14 t' April, 2026 it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-provi maghluq u l-appell thalla ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra

Illi l-appell odjern jittratta c-cahda ta'applikazzjoni ghall-hrug ta' licenzja skont Skeda II tal-Legislazzjoni Sussidjarja SL 623.09 Regolamenti dwar il-Licenzjar ghall-Industrija tal-Kostruzzjoni, dana referibilment ghad-decizjoni mharuga f'dan is-sens datata 28 t'Ottubru, 2025 fejn il-Kumitat tal-Licenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni sab li l-applikazzjoni sottomessa ma kenitx kompluta ghaliex kien hemm nieqes evidenta ta'

Kompetenza u evidenza ta' minn tal-inqas tlett (3) snin esperjenza b'referenzi ta' mill-anqas zewg (2) progetti kompluti relatati mas-sena soggetta ghal din l-applikazzjoni.

Illi mit-Trail of Events prezentata u kkonfermat bil-gurament mill-Ufficjal tal-Awtorita` irrizulta s-segwenti:

i. L-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell giet prezentata fis-27 t'Ottubru, **2023**

ii. Kien biss fis-27 ta' **Frar, 2025** li l-applikant ressaq prova ta' **progett wiehed** fil-kamp tad-**demolizzjoni** u mbaghad ressaq prova ta' **progett iehor fil-11 ta' Marzu, 2025**.

iii. Fit-**18 ta' Marzu, 2025** l-applikant gie avzat sabiex jikkoregi d-dikjarazzjoni tal-Perit minn wahda relattiva ghal demolizzjoni ghal wahda relattiva ghall-kostruzzjoni skont l-applikazzjoni tieghu.

iv. Dan jidher li ma sehhx tant illi fit-**22 ta' Mejju, 2025** l-Kumitat wera l-intenzjoni tieghu li jirrifjuta l-applikazzjoni kif fil-fatt ghamel fit-**28 t'Ottubru, 2025**.

Illi t-Tribunal jinnota li, b'referenza ghall-kronologija surreferita, l-email indirizzata lit-Tribunal bilkemm tista' titqies appell mid-decizjoni tal-Kumitat u dana ghaliex, kif jirrizulta palezi mill-istess, it-talba hemmhekk maghmulha mhijiex dik ghat-thassir tad-decizjoni ta' rifjut ghaliex din saret fuq bazi hazina imma bensi` sottomissjoni ta' dokument korregjut sabiex dan jigi mizjud mal-faxxiklu tal-applikant biex l-applikazzjoni tieghu tkompli tigi evwalwata ("***We kindly request you to update Mr. Mizzi's file with the pending declaration and proceed with the evaluation of the application***"). Jigi nutat minnufih li f'dan ir-rigward, b'differenza minn dak mehtieg mill-art. 44 tal-Kap. 623 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appell ma jurix li l-appellanti huwa aggravat mid-decizjoni jew fejn id-decizjoni hija hazina fil-fatt jew fid-dritt imma effettivament jikkonfermaha fil-mertu u jitlob li t-Tribunal ikompli minn fejn halla l-Kumitat wara li issa prezenta d-dokument nieqes.

Illi d-dokument sottomess iffirmat mill-Perit Marvin Ellul huwa datat **23 ta' Dicembru, 2025** u cioe` **xhur wara c-cahda tal-applikazzjoni odjerna permezz tad-decizjoni appalleta datata 28 t'Ottubru, 2025**. Ghandu jigi wkoll ikkunsidrat li, wkoll skont il-kronologija surreferita, din l-applikazzjoni kienet ilha pendenti sa mis-27 t'Ottubru, 2023. Lanqas ma jirrizulta car jekk l-intenzjoni tal-applikant hijiex dik li effettivament japplika ghal licenzja fil-kamp tal-Kostruzzjoni jew fil-kamp tad-Demolizzjoni, tenut kont li, kif ukoll jirrizulta mit-Trail of Events, ghalkemm l-applikazzjoni tidher li kienet wahda ghal-licenzja bhala

Kuntrattur, dak inizjalment sottomess minnu, fix-xhur u fis-snin ta' wara, kien jidher indirizzat aktar lejn l-ottjeniment ta' licenzja fil-kamp tad-demolizzjoni. Skont il-ligi hemm rekwiziti kemmxejn differenti bejn licenzja u ohra. It-Tribunal ikollu jinnota wkoll li f'dan l-appell, l-appellanti ma kkontestatx il-htiega tad-dokument rikjest mill-Kumitat u kwindi t-Tribunal mhux ser janalizza dan l-aspett. Min-naha l-ohra, l-appellanti sahansitra prezenta tali dokument u, kif inghad, talab li t-Tribunal ikompli jevalwa l-applikazzjoni tieghu meta din kienet diga` mitmuma.

Illi f'tali rigward ghandu jigi nutat li kull forma ta' licenzja mahruga skont l-LS 623.09 hija marbuta ma' sett ta' kriterji li jridu kollha jigu sodisfatti komplessivament ghall-hrug tal-licenzja. Kien proprju f'dan il-kuntest u tenut kont ukoll tal-email inizjali indirizzata lit-Tribunal li t-Tribunal waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2026, ivverbalizza, wara li r-rapprezentanti tal-appellant, infurmat lit-Tribunal "*li fil-prezent il-klijent taghha jinsab fil-pussess tad-dokumentazzjoni kollha mehtiega u li* ***kienet nieqsa fl-applikazzjoni originali****. It-Tribunal qed jidderiegi lill-appellanti sabiex tissottometti applikazzjoni gdida*" ovvjament bid-dokumentazzjoni kollha korretta f'daqqa u debitament aggjornata sabiex din tigi processata mill-gdid. Minflok, minkejja d-differiment moghti ghal dan l-iskop, mhux biss l-appellanti u r-rapprezentant tieghu naqsu milli jidhru ghas-seduti imma wkoll lanqas ma prezentaw l-ebda applikazzjoni gdida. L-appellanti naqas milli jidher ukoll ghall-ahhar seduta qabel din, anke wara li t-Tribunal fisser waqt is-seduta tal-24 ta' Marzu, 2026 li kien ser jiddifferixxi l-appell ghas-sentenza fuq il-provi li jkun hemm jekk l-appellenti ma jidhirx jew jonqos milli jressaq provi kif fil-fatt ghamel.

It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li l-mod li bih l-appellanti tratta l-applikazzjoni tieghu mhuwiex in linea ma' dak prospettat mil-Legizlatur meta wettaq riforma specifika intiza sabiex tizgura aktar serjeta`, responsabilita` u kontabilita` fl-industrija tal-kostruzzjoni. Id-dikjarazzjoni li l-Awtorita` sabet nieqsa giet prezentata xhur wara d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` li korrettement sabet tali dokumentazzjoni nieqsa fl-applikazzjoni. Aktar minn hekk, tali dokumentazzjoni hija datata wara d-data tad-decizjoni b'tali mod li allura jirrizulta li, matul il-process kollu tal-applikazzjoni, l-appellanti ottjena dan id-dokument biss wara d-decizjoni li permezz taghha l-applikazzjoni tieghu giet michuda u b'hekk terminata – dana minkejja l-opportunita` shiha li kellu sabiex jaghmel dan fuq medda ta' diversi xhur u snin, sahansitra lilhinn mit-termini posti mil-ligi ghad-determinazzjoni tal-istess. Ghandha ghalhekk ragun l-Awtorita` meta teccepixxi li "*l-kwistjoni hija verament semplici u cioe` li l-appellanti naqas*

milli jipprovdi d-dikjarazzjoni necessarja lil kumitat, ezattament naqas ***fi zmien tal-applikazzjoni*** *li juri zewg (2) progetti dikjarati minn Perit*". (enfazi mizjuda)

Ghandu jigi kkunsidrat ukoll li tali dokumentazzjoni giet prezentata **aktar minn sentejn wara l-applikazzjoni inizjali** fejn allura wiehed ma jistax jeskludi li xi fatturi ohrajn inbidlu minn dakinhar u allura l-bqija tal-applikazzjoni trid ukoll tigi debitament aggjornata. Certament, mhuwiex il-kompitu tat-Tribunal li jaggjorna l-file tal-appellanti u jkompli jevalwa l-applikazzjoni, kif mitlub, *multo magis* wara li l-applikazzjoni issa giet michuda u gustament terminata fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni kompluta entro t-terminu prefiss ghaliha. Dan huwa xoghol li jkun irid isir mill-gdid mill-Kumitat abbazi ta' applikazzjoni gdida, dejjem jekk l-appellanti ghad ghandu interess genwin li jottjeni licenzja.

Ghaldaqstant it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-appell odjern.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jichad l-appell u jikkonferma d-decizjoni appellata b'rizerva ghad-dritt tal-appellanti li jressaq applikazzjoni/jiet ulterjuri skont il-ligi.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru